Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 29 ta' Marzu 2019**
**(OR. en)**

**7881/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0012(COD)**

**CODEC 790**
**TRANS 226**
**MAR 79**
**ENV 346**
**IA 111**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fis-16 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni baghtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq[1], ibbażata fuq l-Artikolu 100(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Mejju 2018[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Ottubru 2018[3].

[1] 5454/18.
[2] ĠU C 283, 10.8.2018, p. 61.
[3] ĠU C 461, 21.12.2018, p. 220.

4. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– japprova, bil-vot kontra tal-Ġermanja, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 85/18, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;

– jiddeċiedi li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[4] 7175/19.